

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 941/2012

tal-15 ta' Ottubru 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 147/2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 <sup>(2)</sup> jimponi projbizzjoni ġenerali fuq l-għoti ta' pariri tekniċi, assistenza, taħriġ, finanzjament jew għajjnuna finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Somalja.
- (2) Fil-25 ta' Lulju 2012, il-Kunsill tal-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti "KSNU" adotta r-Riżoluzzjoni 2060 (2012), li ttipprovdi, fil-paragrafu 10, għal deroga mill-projbizzjoni ta' assistenza relatata ma armamenti u tagħmir militari intiż għall-Uffiċċju Politiku tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Somalja, kif approvata bil-quddiem mill-Kumitat stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni KSKU 751 (1992).
- (3) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta-Kunsill 2012/633/PESK <sup>(3)</sup>, li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK u ttipprovdi għal tali deroga.
- (4) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, sabiex tiġi implimentata hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 147/2003 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 147/2003, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Artikolu 1 ma għandux japplika għall-:

- (a) provvediment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja għall-bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' apparat militari li ma jistax jikkaġuna l-mewt, intenzjonat biss għall-użu umanitarju jew ta' protezzjoni, jew ta' materjal maħsub għal programmi ta' żvilupp tal-istituzzjoni tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, magħmul fil-qafas tal-Proċess ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni,
- (b) provvediment ta' parir tekniku, assistenza jew taħriġ konness ma' dan l-apparat li ma jistax jikkaġuna l-mewt,
- (c) provvediment ta' finanzjament u assistenza finanzjarja għall-bejgħ, il-fornitura, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armamenti u tagħmir militari intiż biss għall-appoġġ jew l-użu mill-Uffiċċju Politiku tan-Nazzjonijiet Uniti għas-Somalja,
- (d) provvediment ta' parir tekniku, assistenza jew taħriġ konness ma' tali armamenti u tagħmir militari,

jekk dawn l-attivitajiet ġew approvati minn qabel mill-Kumitat stabbilit fil-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 751 (1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti."

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠU L 24, 29.1.2003, p. 2 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 18, Volum 02, pp. 57-58).

<sup>(3)</sup> Ara paġna 47 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---